MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 275/2011/1

**Nicolai Vukovic f'ismu proprju u bhala kuratur ad litem**
**ta' bintu minuri Natalya Vukovic**

**v.**

**Graziella Richard**

## Preliminari

Dan huwa appell ad istanza tal-atturi mis-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-1 ta' Frar 2013 li permezz tieghu qed jitolbu lil din il-Qorti tirriforma u tvarja s-sentenza u dan tiddikjara li l-attur ma ghandux

jibqa' jivversa manteniment lill-konvenuta u ukoll illi tirriforma l-parti tas-sentenza li tirrigwardja l-Kap tal-Ispejjez billi tordna lill-konvenuta thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti qeghdha tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:
"**Il-Qorti,**

"**<u>Preliminari</u>**

"Illi permezz tal-proceduri odjerni l-attur qed jitlob minn din il-Qorti r-revoka u tibdil fil-klawsoli ta' kuntratt[1] tas-separazzjoni personali ffirmat bejn il-partijiet fit-18 ta' Jannar 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall, u senjatament fil-klawsoli numri erba' [4], hamsa [5] u sitta [6] tal-kuntratt li jirrigwardaw il-kura u kustodja u l-access tat-tifla, kif ukoll il-manteniment dovut lill-konvenuta kemm ghaliha kif ukoll ghal minuri; kif ukoll sabiex il-konvenuta tirrifondi manteniment gja' mhallas tenut kont tat-tibdil fil-pozizzjoni tat-minuri li llum qed tirrisjedi mal-attur.

"L-attur qed jaghmel dawn it-talbiet in vista tat-tibdil fic-cirkostanzi tal-partijiet, partikolarment dawk tal-konvenuta, u tal-minuri.

"Minn naha tieghu l-konvenuta qed topponi ghat-talbiet attrici, principalment fuq il-principju ta' *pacta sunt servanda*, u wkoll peress li, fejn jirrigwarda l-minuri, ma hemmx raguni valida sabiex jsiru emendi fil-klawsli opportuni.

"Il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kaz, inkluzi l-affidavits prezentati, u semghet lill-partijiet tramite d-difensuri taghhom, taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

"**<u>Il-Fatti</u>**

---
[1] Vol.1 Fol.83

“Illi jirrizulta pacifiku li wara li l-partijiet isseparaw legalment, iz-zwieg taghhom gie annullat permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fit-12 ta’ Dicembru 2007, u sussegwentement, fil-5 ta’ Settembru 2008 l-konvenut dahhlet fi zwieg iehor.

“Is-sitwazzjoni taz-zwieg sussegwenti holqot il-vertenza principali dwar il-manteniment dovut lill-attrici, kif ukoll, dwar il-kura u kustodja tal-minuri, bint komuni tal-partijiet.

“Illi fil-kuntratt fuq indikat, fil-klawsola numru hamsa [5] l-partijiet ftehmu dwar il-manteniment dovut lill-konvenuta ghaliha, filwaqt li fil-klawsola numru sitta [6] ftehmu dwar il-manteniment dovut lill-konvenuta ghal minuri, u dwar il-kura u kustodja tat-tifla, u l-modalita’ tal-access favur il-missier. Fil-klawsola numru erba’ [4] il-partijiet ftehmu hekk:

“Il-partijiet jintrabtu wkoll li f’ kaz ta’ dikjarazzjoni ta’ annullament taz-zwieg, divorzju jew decizjoni ta’ Tribunal jew Qorti ohra kompetenti, li permezz tieghu jigi xjolt iz-zwieg li kkuntrattaw il-partijiet, il-kondizzjonijiet ta’ dan il-kuntratt ma jigux varjati.”

“Illi l-principji regolanti l-materja huma s-segwenti:

“[1] li dak li ftehmu l-partjiiet huwa ligi bejn l-istess partijet u ma jistax jigi mibdul unilateralment, u dan fuq l-istregwa tal-principju *pacta sunt servanda*.”

“Jinsab ritenut fil-gurisprudenza nostrana li l-kuntratt huwa konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn minn nies jew izjed, illi bih tigi maghmula, regolata jew mahlula obbligazzjoni [Art.960]. Kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta’ ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom [Art.992] u jorbtu lill-istess fit-termini taghhom. Il-kuntratti ghandhom jigu esegiwiti bil-bona fede.[Art.993]. *“Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa’ dejjem li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta’ tal-kontraenti <u>kif espressa fil-konvenzjoni</u> li [ghandha] tipprevali u trid tigi osservata. pacta sunt servanda.”*

*[App.Civ.* ***Gloria Beacom et vs L-Arkitett Anthony Spiteri Staines*** *deciza 5 ta' Ottubru 1998].*

"[2] Meta l-kliem tal-konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni [Art.1002] l-interpreti ghandu joqghod ghal dawn il-kliem u mhux jirrikorri ghal kongetturi.

"Fejn is-sinifikat tal-konvenzjoni jkun car u fejn il-fatti li jkunu wasslu ghal dak il-ftehim kif ukoll fatti sussegwenti ma jpoggux fid-dubbju l-volonta' tal-kontraenti, mhux lecitu ghall-gudikant illi jaghti lil dik l-iskrittura sinifikat divers minn dak liberalment espress mill-kontraenti. *[App.* ***John Zammit et vs Michael Zammit Tabona noe****. Deciza 28 ta' Frar 1997; App.Civ.* ***Vincent Aquilina vs Caterina Micallef*** *[1997]- Vol.LXXXI.II.517; App.Civ.* ***Carmelo Grech vs Julian Zammit Tabone et noe*** *[1998] – Vol.LXXXII.II.1383]*

"[3] Fejn l-interessi tal-minuri hekk jiddettaw il-Qorti ghandha s-setgha, anzi d-dmir, li tbiddel dak li kienu ftehmu l-partijiet dwar il-minuri.[2]

"Ferm il-premess, il-Qorti tosserva li, safejn il-kuntratt ma jispecifikax mod iehor, allura z-zewg partijiet huma marbutin ma dak hemm stipulat.

"***Manteniment favur il-mara***

"Illi l-attur qed isostni li m'ghandux jibqa' jhallas manteniment lill-konvenuta peress li din issa mizzewwga, u l-obbligu tal-manteniment taghha jaqa' fuq zewgha.

"Illi l-klawzoli relevanti fil-kuntratt huma dawn:

"5 [a] Ir-ragel qed jobbliga ruhu li jhallas a favur il-mara li taccetta l-ammont ta' ghoxrin lira maltin [LM20] fix-xahar; [b] Tali manteniment jithallas ipso jure kull xahar bil-quddiem mingjhajr htiega ta' ebda interpellanza jew procedura fil-Qorti; [c] Dan il-manteniment ghandu jigi

[2] Art.149 Kap.16

rivedut kull sena, u jghola skont iz-zieda fl-gholi tal-hajja hekk kif jirrizulta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Gvern; [d] Dan il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-mara ma tkunx qed tahdem full-time, u f' kaz li l-mara tkun qed tahdem part-time, il-manteniment jitnaqqas ghal ghaxar liri [LM10] fix-xahar. F' kaz li l-mara tkun qed tahdem il-hlas tal-manteniment jigi awtomatikament sospiz sakemm il-mara tkun qed tahdem u jerga' jigi fis-sehh hekk kemm-il darba il-mara ma tibqax hekk tahdem."

"Ghalhekk mill-premess jirrizulta car li, apparti minn dak li ftehmu b'mod generali l-partijiet fil-klawsola numru erba [4] fuq citata, fuq l-ispecifiku l-partijiet ftehmu li l-attur ghandu jaghti retta alimentari mensili lill-konvenuta ghaliha, li tkun riveduta skont l-gholi tal-hajja, u li tibqa' tithallas sakemm ma tavverax ruhha wahda mill-kondizzjonijiet stipulata fil-paragrafu [d] fuq citat. Huwa f'dan il-kaz biss li l-manteniment tal-konvenut jista' jigi sospiz jew imwaqqaf. Hekk riedu l-partijiet, u hekk ftehmu fil-mument tal-kontrattazzjoni.

"Illi fil-kaz in dizamina l-attur qed jitlob li jitnehha l-manteniment ghall-konvenuta mhux fuq wahda mic-cirkostanzi pattwita bejn il-partijiet, izda fuq sitwazzjoni li avverat ruhha wara l-kuntratt, li pero' ma tidholx fit-termini tal-paragrafu fuq citat.

"Ghaldaqstant it-talba tal-attur ghat-twaqqif tal-hlas da parti tieghu ta' manteniment ghall-konvenuta, mhjiex gustifikata la fil-fatt u lanqas fid-dritt u qed tigi respinta.

"***Kura u Kustodja u Manteniment ghall-minuri***

"Illi fil-klawsola numru sitta [6] il-partijiet ftehmu dwar il-*patria potestas*, il-kura u kustodja effetiva tal-minuri, u l-modalita' tal-access tal-missier.

"Fit-termini ta' din il-klawsola, il-kura u kustodja kellha tibqa' kongunta, kif ukoll il-*patria potestas*, izda l-minuri kellha tghix mal-konvenuta.

"Il-partijiet qabblu wkoll li:

“Ir-ragel bhala sehemu mill-manteniment tat-tifla minuri C B qieghed jintrabat u jobbliga ruhu li jhallas lill-mara li taccetta s-somma ta’ tmenin lira maltin [LM80] kull xahar; li l-ispejjez edukattivi u medici, ordinarji u straordinarji, jkunu a kariku tal-attur; li dan il-manteniment jigi rivedut kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja; u “kwalunkwe beneficju socjali in konnessjoni mal-minuri C inkluz children’s allowance ikun percepibbli esklussivament mill-mara, u r-ragel ma jkollu ebda dritt fir-rigward.”

“Fil-paragrafu [f] tal-imsemmija klawsola numru sitta [6] il-partijiet qabblu fuq il-modalita’ tal-access favur l-attur.

“Illi fil-mori tal-kawza, is-sitwazzjoni rigward it-tifla minuri tbiddlet fis-sens li dina marret tghix mal-missier b’access favur l-omm. Di fatti fl-udjenza tas-7 ta’ Novembru 2012 gie registrat is-segwenti verbal:

“Il-partijiet personalment informaw lill-Qorti li huma jaqblu mas-sitwazzjoni vigenti dwar il-kura u kustodja tat-tifla minuri, u cioe’ li l-kura u kustodja tibqa’ esklussivament f ‘idejn l-attur b’ access adegwat favur il-konvenuta li fil-prezent huwa ta’ tlett [3] sieghat kull nhar ta’ gimgha.”[3]

“Rigward il-manteniment li l-attur hallas lill-konvenuta ghat-tifla minuri meta dina kienet qeda fil-kura tieghu, il-partijiet, fl-udjenza tat-3 ta’ April 2012 il-konvenuta ddikjarat hekk:

“Il-konvenuta, fil-prezenza tad-difensur taghha, [tiddikjara] li hija lesta li tirrifondi lill-attur il-manteniment imhallas lilha ghat-tifla minn meta t-tifla kienet tirrisjedi mal-attur, u cioe’ minn Marzu 2011 sa Settembru 2011, u li l-ammont ghandu jigi rifuz.”[4]

“Fid-dawl tal-premess il-Qorti hija tal-fehema li fl-interess tal-minuri, il-klawsola numru 6 ghandha tinbidel <u>limitatament</u> fis-sens li l-kura u kustodja tal-minuri tkun

[3] Vol.2 – Fol.400
[4] Vol.2 – Fol.385

esklussivament fdata f'idejn l-attur, li l-attur m'ghandu jhallas lill-konvenuta ebda manteniment jew spejjez relatati mal-minuri u li kwalunkwe beneficju socjali dovut in konnessjoni mal-minuri ghandu jigi percepit mill-attur. Inoltre, l-access favur il-konvenuta ikun, kif pattwit bejn il-partijiet fil-mori tal-kawza, tlett sieghat kull nhar ta' Gimgha. Ghal bqija l-klawsola numru sitta tibqa' ferma.

"**Decide**

"Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet tal-attur <u>limitatament</u> kif fuq indikat taht is-sezzjoni ntestata ***Manteniment favur il-Mara***, u that is-sezzjoni ntestata ***Kura u Kustodja u Manteniment ghall-minuri;*** inoltre l-konvenuta hija ordnata li tirrifondi lill-attur l-ammont ta' manteniment imhallas lilha ghat-tifla minuri minn Marzu 2011 sa Settembru 2011; tichad it-talbiet ghal bqija.

"Spejjez bla taxxa."

## <u>Rikors tal-appell tal-atturi Nicolai Vukovic proprio et nomine</u>

L-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u ghalhekk interponew dan l-appell minnha. L-aggravji taghhom in succint huma li ladarba l-konvenuta issa hija mizzewwga lil haddiehor, l-attur ma ghandux jibqa' responsabbli ghall hlas tal-manteniment taghha; isegwi allura illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu akkollati kollha lill-konvenuta appellata.

## <u>Risposta tal-appell tal-intimata</u>

L-intimata wiegbet illi l-appell kien null ghaliex ma jezisti ebda Qorti tal-Appell (Qorti tal-Familja) kif huwa intestat ir-rikors tal-appell. Din l-eccezzjoni giet irtirata fl-udjenza tal-4 ta' Lulju 2013. Fil-mertu imbaghad hija wiegbet illi s-sentenza hija gusta u timmerita konferma u ghamlet referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet taghha fil-kors tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti.

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

Ghalhekk huwa ben car illi l-kwistjoni li trid tiddecidi din il-Qorti huwa jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-attur jista' jinhall mill-obligazzjoni tieghu li jhallas manteniment lill-konvenuta skont kif intrabat li jaghmel fil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ta' bejniethom.

Huwa minnu li mill-punto di vista etiku u anke legali li l-*kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede u jobligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obligazzoni skont ix-xorta taghha bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi* kif qalet is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **Cefalu et v. Gauci nomine LXXX.IV.1359)**. F'dan il-kaz ma tidhol ebda kwistjoni ta' xi malafede izda ta' interpretazzjoni tal-kuntratt, u fuq kollox *il-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli irriteniet illi mhix ammissibbli l-prova testimonjali kontra jew in aggunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hija espressa b'mod ambigwu.* (**Beacom v. Spiteri Staines** – Appell Civili – 5 ta' Ottubru 1998) – Fil-kaz in kwistjoni ma hemm ebda ambigwita` fil-kuntratt u l-attur qed jinvoka tibdil fic-cirkostanzi tal-partijiet.

Fis-sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet **General Cleaners Limited v. Accountant General et** (29 ta' Novembru 2001) intqal li *bhala principju generali l-ligi u senjatament l-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili jghid li 'meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghall-ebda interpretazzjoni. Il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata – pacta sunt servanda.*

F'dan il-kaz il-partijiet isseparaw fl-2007, u ftit xhur wara l-konvenuta dahlet fi zwieg iehor, li minnu kellha t-tfal; il-minuri wild tal-partijiet wara dan marret toqghod mal-attur appellant u infatti t-talba tieghu biex jinghata l-kura u kustodja taghha ma sabitx oppozizzjoni mill-konvenuta kif lanqas ma sabet oppozizzjoni t-talba naturali tieghu biex

ma jibqax jivversa aktar manteniment ghaliha; anzi l-konvenuta ammettiet it-talba anke fir-rigward tal-hlas lura ta’ arretrati u s-sentenza inghatat skont kif mitlub u ammess.

Fejn il-partijiet m’humiex jaqblu huwa fir-rigward tal-manteniment tal-appellata. Il-kuntratt ta’ separazzjoni pero` haseb ukoll ghall-eventwalita` ta’ dikjarazzjoni ta’ nullita` taz-zwieg u infatti kif jghid l-istess appellant fir-rikors tieghu, l-Artikolu 4 jaghmilha cara illi jekk ikun hemm decizjoni tal-Qorti li permezz taghha jigi xolt iz-zwieg li kkuntrattaw il-partijiet, il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ma kellhomx ikunu varjati. Ghalhekk huwa car illi l-ewwel Qorti kienet korretta fid-decizjoni taghha illi tichad it-talbiet attrici fir-rigward.

L-appellant kien accetta illi jibqa’ jhallas il-manteniment lil dik li kienet martu dak iz-zmien anke jekk jigi annullat iz-zwieg ta’ bejniethom. F’dawn ic-cirkostanzi l-appellant seta’ facilment janticipa li martu setghet tizzewweg mill-gdid u allura seta’ wkoll jirregola l-pozizzjoni tieghu b’mod differenti f’dik l-eventwalita`. L-appellant ghazel li dan ma jaghmlux. Ghalhekk hu legittimu li wiehed jinferixxi li l-appellant ma deherlux li l-pozizzjoni kellha tinbidel fil-kaz tal-eventwali zwieg tal-appellata. L-argument tal-appellant illi fil-kuntratt in kwistjoni r-riferenza ghal ‘mara’ ma ghadhiex tirreferi ghall-appellanta ladarba din ma ghadhiex il-mara tal-appellant ma ghandha ebda fondament guridiku; il-kelma mara tirreferi ghall-appellata ghaliex hija b’dik in-nomenklatura li hija qed tigi individwata u msejjha fil-kuntratt stess.

Ir-referenza ghas-sentenzi **A Grech v. P Grech** (App. 16.04.2004) u **M Vella v. M Vella** (11.1.1996 App.) ma jaghtux sostenn ghat-talba tal-attur ghaliex f’dawk il-kazijiet il-kwistjoni kienet jekk kellhiex tigi applikata l-massima *ad impossibilia nemo tenetur* illi certament ma tinkwadra xejn fil-kaz prezenti.

Ghandu jinghad finalment illi fir-rigward tal-manteniment illi jkun gie miftiehem bejn il-mizzewgin permezz ta’ kuntratt f’separazzjoni konsenswali il-Qrati taghna sa minn

zmien **Sir Adriano Dingli** (Vol 9 pagna 463) dejjem irritenew illi manteniment iffissat minn kuntratt ta' separazzjoni ma jistax jigi varjat, differentement minn dak iffissat mill-Qorti. Dan il-punt gie konfermat diversi drabi anke per ezempju taht il-presidenza ta' **Sir Arturo Mercieca** fis-26 ta' Ottubru 1937 fejn intqal illi *l-legislatur ried jaghti lis-separazzjoni personali konsenswali n-natura ta' veru kuntratt b'mod li l-pattijiet li jsiru fiha ma jistghux jigu mibdula minghajr il-kunsens komuni tal-partijiet … … … il-klawsola dwar l-alimenti ma tistax tigi modifikata mill-Qorti jekk ikun hemm oppozizzjoni minn wahda mill-partijet* (Vol 29.1.1121). Il-Qorti ma thossx li ghandha tissofferma iktar fuq dan il-punt fit-tul u taghmel biss riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq imsemmija fl-ismijiet **Alfred Grech v. Pauline Grech** deciza fis-16 ta' April 2004 fejn din il-kwistjoni giet spjegata fit-tul. Hemmhekk il-Qorti fil-waqt li ikkoncediet li l-pozizzjoni tal-Qrati taghna fir-rigward ma baqghetx daqshekk rigida, ukoll ikkonkludiet li hemm differenza f'dan ir-rigward bejn manteniment miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni ghal wiehed impost mill-Qorti.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-appell tal-attur appellant u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez ta' dan l-appell jithallsu mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------